16 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

John Vassallo *versus* Moses Vassallo

**Likwidazzjoni ta' Wirt — "Gratuity" — "Compassionate Gratuity" — Komunjoni tal-Akkwisti — Spejjeż Funerarji — Ċurkett tal-Kunsens — Donazzjoni bejn il-Miżżewġin — — Nullità — Rigali — Bwona Fede — Delitt — Art. 595 (1), 1906 (1) u 1908 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-"gratuity" li mpjegat jirċievi meta jirtira mix-xogħol għandha, skond il-ġurisprudenza prevalenti, tidħol fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, a differenza tal-"Compassionate Gratuity", li tingħata "ex gratia" lid-dipendenti tal-impjegat, u li ma tidħolx f'dik il-komunjoni; u dan anki jekk il-"gratuity" tiġi mħallsa wara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*L-ispejjeż funerarji tad-decujus għandhom jiġu addebitati lill-assi partikulari tad-decujus.*

*Iċ-ċurkett tal-kunsens għandu jibqa' tal-mara jew tal-eredi tagħha; imma jekk ir-raġel jerġa' jiżżewweġ, u lit-tieni mara jagħtiha bħala ċurkett tal-kunsens iċ-ċurkett li kien tal-ewwel mara, u t-tieni mara taċċettah in bwona fede, it-tieni mara għandha titolu għal dak iċ-ċurkett; u r-raġel huwa tenut iħallas lill-eredi tal-ewwel mara l-valur tiegħu.*

*Donazzjoni bejn il-miżżewġin hija nulla; jekk tkun saret mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti; imma din l-awtorizzazzjoni mhux rikjesta meta si tratta minn rigali jew donazzjonijiet manwali u ta' valur żgħir skond iċ-ċirkustanzi tad-donanti.*

*L-oġġetti provenjenti minn delitt jidħlu normalment fil-komunjoni tal-akkwisti.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, billi fit-13 ta' Novembru 1952 (dok. A) mietet Giuseppa Vassallo, omm l-attur (l-uniku tifel tagħha) u l-ewwel mara tal-konvenut, bla testment; u billi, non ostante li ġie nterpellat bonarjament kemm il-darba, u anki per mezz ta' ittra uffiċjali prezentata fil-31 ta' Mejju 1955, il-konvenut, li hu fil-pussess tal-assi soċjali konjugali u ta' dak ereditarju, ma addivjeniex għall-likwidazzjoni bonarja tal-wirt tagħha; talab li (1) jiġi likwidat l-assi tal-ko-akkwisti formati bejn il-mejta Giuseppa Vassallo u l-konvenut, billi dan l-assi jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet, nofs jiġi assenjat lill-wirt tal-imsemmija Giuseppa Vassallo u n-nofs l-ieħor lill-konvenut; (2) jiġi likwidat l-assi ereditarju tal-imsemmija Giuseppa Vassallo, billi jiġi magħmul jikkonsisti minn nofs tal-ko-akkwisti kif likwidat u minn beni oħra ta' proprjetà partikulari tal-mejta Giuseppa Vassallo li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (3) u dan l-assi ereditarju, kif hekk likwidat, jiġi assenjat lill-attur bħala uniku eredi ta' ommu l-imsemmija Giuseppa Vassallo. Billi jiġi nominat perit legali biex jagħmel il-likwidazzjoni u d-diviżjoni li teħtieġ, nutar biex jippublika l-att tad-diviżjoni u tal-assenjazzjoni, f'ġurnata, post u ħin li tiffissa din l-Onorabbli Qorti, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi fuq l-att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju 1955, u tal-mandat ta' deskrizzjoni tas-27 ta' Marzu 1956;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi s-suċċessjoni tad-decujus hija regolata skond l-art. 846, 668 u ta' wara, u 864 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi qabel ma dina l-Qorti tgħaddi għall-likwidazzjoni mitluba, hemm bżonn li jiġi żgumbrat it-terren minn ċerti kwistjonijiet li qamu bejn il-partijiet, del resto, bħal ma jiġri dejjem bejn il-kondividenti;

Illi l-ewwel kwistjoni li trid tiġi riżoluta hija dik li tirrigwarda l-oġġetti mobili u l-bjankerija...... Mill-valjazzjoni tal-provi magħmula mill-perit ġudizzjarju, u li dina l-Qorti, wara li eżaminat tajjeb il-provi, taqbel magħhom, irriżulta illi—

(1) ..................;

(2) ..................;

(3) ..................;

(4) In kwantu għall-flus u titoli, illi:—

(a) ..................;

(b) ..................;

(ċ) Il-gratuwità li mpjegat jirċievi meta jirtira mix-xogħol (a differenza tal-"Compassionate Gratuity" mogħtija "ex gratia" lid-dipendenti tal-impjegat, li ma tidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti, — ara Prim'Awla Ċivili 24 ta' Lulju 1946 in re "Bonnici vs. Schembri et.", Vol. XXXII-II-421, u l-konsiderandi mhux publikati dwar pagamenti "ex gratia" fis-sentenza tal-Prim'Awla Ċivili 30 ta' Jannar 1950 in re "Dolores Galea vs. Angelo Galea") għandha, skond

il-prevalenti ġurisprudenza, tidħol fl-assi tal-akkwisti konjugali, anki jekk l-istess ġiet imħallsa wara x-xoljiment tal-komunjoni. Del resto, ġie deċiż li l-gratifikazzjonijiet ma humiex ħag'oħra ħlief parti mis-salarju jew mill-merċedi dilazzjonati sa ma jiġi biex jispiċċa l-impieg jew servizz, għalkemm jitħallsu darba biss (ara Appell 3 ta' Novembru 1911 "Mirabitur vs. Parascandalo"; Prim'Awla Ċivili 20 ta' Marzu 1923 "Degabriele vs. Cassar"; Appell 28 ta' Frar 1934 "Micallef utrinque"; Prim'Awla Ċivili 17 ta' Novembru 1934 "Farrugia vs. Spiteri";

(d) ..................;

(5) L-ispejjeż funerarji tad-decujus għandhom jiġu addebitati lill-assi partikulari tagħha (ara Prim'Awla Ċivili 17 ta' Jannar 1935 in re "Gatt vs. Bugelli et.", Vol. XXIX-II-270; u Prim'Awla Ċivili 30 ta' Jannar 1950 in re "Dolores Galea vs. Angelo Galea", Vol. XXXIV-II-463). U jekk, kif jirriżulta, l-istess tħallsu in parti mill-flus tal-komunjoni u in parti minn flus partikulari tal-partijiet, il-komunjoni trid tiġi akkreditata bl-entranti kwantità li minnha nħarġet, u l-assi partikulari tad-decujus addebitat bl-ammont li ġie minfuq, in parti favur il-komunjoni u in parti favur il-kredituri partikulari;

*Omissis;*

Illi, dwar iċ-ċurkett tal-kunsens, li l-konvenut ma jridx jikkunsinna, l-għaliex qal li ġie mixtri minnu; skond il-ġurisprudenza lokali, ispirata għad-Dritt Muniċipali, iċ-ċurkett tal-kunsens għandu jibqa' tal-mara u l-eredi tagħha (ara Appell 10 ta' Jannar 1840 in re "Dr. Michele Camenzuli vs. Grazia Ellul"; Prim'Awla Ċivili in re "Ciappara vs. Delicata" 13 ta' Diċembru 1897, Vol. XVI-II-158; u Prim'Awla Ċivili "Galea utrinque" 30 ta' Jannar 1950, Vol. XXXIV-II-463;

Illi fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ in diżamina rriżulta li l-konvenut, meta żżewweġ it-tieni darba, bħala ċurkett tal-kunsens ta lill-mara tiegħu tal-lum l-ewwel ċurkett tal-kunsens, u t-tieni mara tiegħu in bwona fede aċċettatu, b'mod, skond l-art. 595 (1) Kod. Ċivili, li hija għandha titolu għalieħ, u l-konvenut huwa tenut jagħti lill-eredi tal-ewwel mara l-valur ta' £1.11.0 in sostituzzjoni tiegħu;

Illi, dwar il-barbazzal bil-pendent u salib, li l-konvenut jgħid li martu qaltlu biex iżommu, huwa stmat għall-epoka tal-mewt tad-decujus għal £18.5.0 (il-lum jiswa £13.8.0). Issa, skond l-art. 1906 (1) u 1908 tal-Kodiċi Ċivili, kombinati flimkien, kwalunkwe donazzjoni li waqt iż-żwieġ il-miżżewġin jagħmlu lil xulxin bla awtorizzazzjoni tal-Qorti hija nulla; imma dik l-awtorizzazzjoni mhix meħtieġa meta r-rigali jew donazzjonijiet ikunu manwali u ta' valur żgħir skond iċ-ċirkustanzi tad-donanti. Fiċ-ċirkustanzi tad-decujus, kif jidher mill-assjeme tal-provi, ma jidherx li r-rigal imsemmi kien modiku; u kwindi, fin-nuqqas li sar bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-istess kien null, b'mod li dan l-oġġett għandu jidħol fil-wirt partikulari tad-decujus;

Illi, in kwantu għall-labra bil-ħaġra sewda, li tiswa £2, il-konvenut jgħid li hija tiegħu partikulari, l-għaliex sabha waqt iż-żwieġ u taha rigal lill-martu. Apparti l-fatt li, meta persuna ssib oġġett u ma tikkunsinnahx fi żmien tliet ijiem lill-Pulizija u tagħmlu tagħha tikkommetti serq, u l-affarijiet provenjenti minn serq jidħlu normalment fil-komunjoni tal-akkwist, il-fatt li huwa bħala "dominus" irrigala dik il-labra lill-martu — labra ta' valur modiku ħafna — inissel il-kwistjoni jekk dik id-donazzjoni ta' oġġett manwali ta' valur modiku saritx għal sempliċi użu jew bil-fehma li ssir tad-donatarja. Din il-Qorti taqbel mal-perit legali li fil-każ in diżamina, skond in-natura tal-oġġett "de quo", il-konvenut ried jagħmel vera u proprja donazzjoni skond l-artikolu 1831 (2) tal-Kodiċi Ċivili; b'mod li dan l-oġġett għandu jidħol fl-assi partikulari tad-decujus;

*Omissis;*

(6) ..................;

(7) ..................;

(8) ..................;

Ikkunsidrat;

Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin Vassallo tikkonsisti fl-attiv segwenti:—

*Omissis;*

Total Attiv £274.13.8;

Illi l-passiv ta' dana l-assi soċjali konjugali jikkonsisti fil-partita segwenti ................ £8;

Illi kwindi l-attiv nett ta' dana l-assi huwa ta' £266.13.8;

*Omissis;*

Illi l-attiv tal-assi partikulari tad-decjus jikkonsisti fil-partiti hawn taħt riportati:—

*Omissis;*

Total ta' dan l-attiv £210.4.7;

Illi l-passiv ta' dana l-assi jikkonsisti...... Total passiv ta' dana l-assi £25.0.0;

Mela t-total attiv nett ta' dana l-assi huwa £185.4.7;

Illi kwindi dana l-assi partikulari jmiss lill-attur bħala l-uniku eredi ta' ommu, salva, jekk ikun il-każ, il-"quarta

uxoria" kontemplata fis-suċċessjonijiet "ab intestato" fl-art. 864 kombinat mal-art. 671 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-konvenut ma jistax jippretendi l-"quarta uxoria", jekk, kompriża l-parti tiegħu tal-akkwisti, jkollu beni li jkollhom redditu li jkun ugwali għall-użufrutt kontemplat fl-artikoli fuq imsemmija;

Illi, meħuda in konsiderazzjoni l-kwota tal-konvenut tal-akkwisti, bħala li hija tagħti redditu, u l-fond partikulari li għandu, kif fuq ġie msemmi, li jirrendilu rendita ta' £3.10.10 fis-sena, fil-paragun tal-"quota uxoria" kif fuq likwidata, jidher li l-konvenut ma jistħoqqlux dak id-dritt;

Illi dina l-Qorti sejra tgħaddi għall-assenjazzjoni tal-assi partikulari, salv li in segwitu tagħmel il-kontijiet partikulari tal-kontendenti;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tillikwida l-assi soċjali konjugali tal-konvenut u l-mara tiegħu għall-ammont ta' £266.13.8, u tassenja, kif fuq assenjat, lill-konvenut l-oġġetti, kreditu u flus fuq imsemmija, u lill-attur l-oġġetti u flus imsemmija fil-korp ta' dik l-istess deċiżjoni, salvi l-ekwiparazzjonijiet u relativi konteġġi kif jidher mill-premess skond ir-rispettivi kwoti u krediti. Tillikwida l-assi partikulari tad-decujus għall-ammont ta' £185.4.7, u tassenja il-flus, oġġetti u ħwejjeġ kif fuq assenjat, lill-attur eredi leġittimu ta' ommu, bil-konteġġi kif fuq magħmula; li minnhom jirriżulta li l-konvenut baqa' debitur tal-attur fis-somma ta' £146.11.10, oltre l-oġġetti assenjati lill-istess attur; liema somma l-konvenut għandu jħallasha sabiex jiġi bilanċjat ma' l-attur dwar l-assijiet in kwistjoni; u għall-fini tal-publikazzjoni tal-att opportun tinnomina lil Dr. George Bonello Du Puis, li għandu jsir f'waħda mill-awli ta' dawn il-Qrati fil-31 ta' Jannar

1957, fit-3 p.m.; u sabiex jirrappreżenta l-kontumaċi tinnomina lill-Avukat Dr. Victor Caruana Colombo;

L-ispejjeż jitħallsu skond ir-rispettivi nteressi tal-kontendenti.